L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2022**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 30 ta' April 2022 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sal-10:50 a.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA** tal-karta. Ikteb b'Malti tajjeb u idjomatiku.

**L-EWWEL TAQSIMA:**

**IL-KOMPONIMENT**

**Ikteb madwar 350 kelma fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti:**

1. Il-kultura favur il-ħarsien tal-annimali. Iddiskuti.
2. Ikteb rakkont li jibda: "Ma kinitx biċċa inkwiet li dħalt fiha bla bżonn!"
3. L-industrija tal-films f'Malta.
4. Minn fuq għolja fil-gżejjer Maltin. Iddeskrivi.

**(Total: 25 marka)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IT-TIENI TAQSIMA:**

**A. FEHIM IT-TEST**

**Aqra s-silta li ġejja u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA ta' wara.**

## Is-saħħa mentali

L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tiddefinixxi s-saħħa mentali bħala "l-istat tal-benesseri li fih l-individwu kapaċi jiffunzjona skont il-potenzjal tiegħu, kapaċi jiffaċċja livelli normali ta' stress fil-ħajja, kapaċi jaħdem b'mod produttiv u jikkontribwixxi fil-komunità." Li tkun mentalment f'saħħtek ma jfissirx li ma tħossokx imdejjaq. Fil-fatt, dan is-sentiment huwa komuni f'kulħadd. Il-kunċett ta' saħħa mentali jinkludi emozzjonijiet, ħsibijiet u mġiba. Meta persuna tkun mentalment f'saħħitha, tkun f'burdata tajba, kapaċi tittollera ammonti raġonevoli ta' stress, tkun flessibbli meta jkun hemm bżonn ta' bidla u jkollha relazzjonijiet personali u professjonali sodisfaċenti. Is-saħħa mentali hija affettwata minn fatturi individwali, esperjenzi tal-passat, l-ambjent soċjali u fiżiku, kif ukoll it-tradizzjonijiet u l-aspettattivi soċjali u kulturali.

Il-kapaċità li twettaq irwoli differenti, hija fattur essenzjali għas-saħħa mentali. Jekk din il-kapaċità tiddgħajjef, jista' jkun li s-saħħa mentali tal-individwu ma tkunx fl-aqwa tagħha f'dak il-ħin partikolari peress li jista' jkun hemm xi ħaġa li tinterferixxi fil-mod kif jiffunzjona l-individwu. Hemm għadd ta' fatturi li jistgħu jgħinu biex jipprevjenu l-problemi fis-saħħa mentali. Li jkollok ħajja soċjali tajba, saħħa fiżika tajba, li tinvolvi ruħek fil-komunità, tagħmel xi eżerċizzju fiżiku u li jkollok persuna adulta preżenti f'ħajtek li tappoġġjak, huma fost l-affarijiet li jipproteġulek is-saħħa mentali. Fatturi oħra li jinfluwenzaw is-saħħa mentali tiegħek b'mod pożittiv jinkludu, ambjent ta' xogħol pożittiv, l-opportunità li l-kisbiet tiegħek jiġu rikonoxxuti, sigurtà finanzjarja u mezzi ta' sapport adegwati. Apparti hekk, li tħares lejn il-ħajja b'mod pożittiv, tgħin lil għajrek, tistrieħ biżżejjed u tiżviluppa metodi tajbin ta' kif tindirizza l-istress, ukoll jgħinek tipproteġi s-saħħa mentali.

Il-problemi mentali jista' jkollhom effett negattiv fuq il-kwalità tal-ħajja tal-individwu, kif ukoll fuq l-aspetti ekonomiċi u soċjali. Barra minn hekk, fatturi oħrajn bħal stigma u diskriminazzjoni jistgħu jaffettwaw il-benesseri tal-persuna. Il-familja tista' tbati meta membru tal-familja jkollu xi problema ta' saħħa mentali, peress li jkollha tħabbat wiċċha ma' dħul finanzjarju inqas, tibdil fl-imġiba u l-personalità tal-individwu affettwat. Tħabbat wiċċha wkoll ma' interruzzjonijiet fir-rutina u fl-attivitajiet soċjali u dan it-tip ta' adattament jaffettwa lill-membri tal-familja li jkunu qed jgħinu lill-persuna affettwata.

Il-problemi mentali jinkludu sintomi li normalment huma assoċjati ma' mard mentali, iżda mhumiex serji biżżejjed biex id-dijanjożi tagħhom titqies bħala marda mentali serja. Għalkemm il-problemi tas-saħħa mentali jnaqqsu l-kapaċità ta' kif wieħed jaħdem, kif ukoll iħallu effett negattiv fuq ir-relazzjonijiet soċjali tal-individwu, mhux neċessarjament iwasslu għall-mard fis-saħħa mentali.

Il-bidla fl-imġiba hija waħda mis-sinjali ta' problemi fis-saħħa mentali tal-persuna. Xi sinjali komuni ta' problemi ta' saħħa mentali jinkludu l-bidla fil-burdata, ħsibijiet inkonsistenti, żieda fl-ansjetà, impulsività u nuqqas ta' interess fl-attivitajiet li qabel kienu jogħġbu lill-persuna. L-individwi jista' jkollhom ukoll sintomi fiżiċi, bħal tnaqqis fil-piż u għeja.

*(Addattament minn dokument fis-sit publicservice.gov.mt)*

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dak li għadek kif qrajt:**

1. Liema huwa s-sentiment li xi darba jew oħra jħossu kulħadd? (2)
2. Minn xiex tista' tkun affettwata s-saħħa mentali? (2)
3. Agħti **ŻEWĠ** fatturi li jipprevjenu l-problemi ta' saħħa mentali. (2)
4. Il-familja wkoll tista' tbati meta membru jkollu problema fis-saħħa mentali. Kif? (2)
5. Semmi **ŻEWĠ** sinjali li juru li bniedem ikun għaddej minn problemi ta' saħħa mentali. (2)
6. Fil-fehma tiegħek u minn dak li qrajt, taħseb li l-poplu Malti għandu jkun konxju tas-saħħa mentali? Agħti raġuni **WAĦDA** għal dan. (2)

**B. GĦARFIEN IL-LINGWA**

7. Agħti kelma jew frażi oħra għal kull kelma li hija **bold** skont is-silta ta' hawn taħt:

   Il-problemi mentali jinkludu sintomi li normalment huma **assoċjati** ma' mard mentali, iżda mhumiex serji biżżejjed biex id-dijanjożi tagħhom titqies bħala marda mentali serja. Għalkemm il-problemi tas-saħħa mentali jnaqqsu l-kapaċità ta' kif wieħed jaħdem kif ukoll iħallu **effett** negattiv fuq ir-relazzjonijiet soċjali tal-**individwu**, mhux **neċessarjament** iwasslu għall-mard fis-saħħa mentali. (4 paragrafu) (4)

8. Sib kelma jew frażi minn paragrafu 1 li għandha din it-tifsira:
   a. l-aktar li jista' jagħmel;
   b. jagħti sehmu;
   ċ. tissaporti;
   d. imgħoddi. (4)

9. Liema hija l-espressjoni minn paragrafu 2 li turi li s-saħħa mentali mhijiex b'saħħitha biżżejjed? (2)

**(Total: 22 marka)**

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**IT-TIELET TAQSIMA:**

**IL-GRAMMATIKA**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA:**

Il-kudirross l-iswed hu għasfur komuni kemm fil-passa tal-ħarifa kif ukoll fix-xitwa. Jasal bejn nofs Ottubru u nofs Novembru u jitlaq f'Marzu. Waqt il-passa tara ħafna f'post wieħed imma meta l-kudirrossi li jkunu qed ipassu jitilqu, dawk li jibqgħu hawn iwaqqfu territorju u ma jħallux kudirrossi oħra jidħlulhom fit-territorju tagħhom. Kultant ma jittollerawx għasafar speċjalment dawk li jkollhom il-kulur aħmar. L-isem tal-kudirross ġej mit-Taljan *coda rossa* jiġifieri denb aħmar. Fil-fatt għandhom parti minn denbhom aħmar. F'Malta naraw speċi oħra ta' kudirrossi, li l-ambjentalist jitgħaxxaq jarahom. Dak li ngħidulu kudirross jgħaddi minn Malta fi żmien il-passa tal-ħarifa u tar-rebbiegħa. Ir-raġel ta' din l-ispeċi għandu sidru u żaqqu ħomor filwaqt li l-kudirross iswed hu griż skur ħlief għal denbu u l-parti ta' wara. Dawn l-għasafar jieklu invertebrati żgħar jew ta' daqs medju imma jieklu wkoll il-frott.

*(Addattament mill-paġna ta' Facebook - Natura Maltija fb.me/naturamaltija)*

1. Agħti nom tal-aġent. (1)
2. Sib u ikteb plural sħiħ. (1)
3. Agħti l-komparattiv ta' **żgħar**. (1)
4. Oħroġ il-farrad waħdieni minn **frott**. (1)
5. Ta' liema forma hu l-verb **jidħlulhom**? (1)
6. Agħti n-nom verbali ta' **jieklu**. (1)
7. Agħti z-zokk morfemiku minn **jittollerawx**. (1)
8. Mis-silta sib u ikteb pronom dimostrattiv. (1)
9. Sib u ikteb stat kostrutt. (1)
10. Agħti l-għerq ta' **jitlaq**. (1)
11. Mis-silta sib u ikteb verb mir-Rumanz. (1)
12. Sib u ikteb verb fin-negattiv. (1)
13. Ikkonjuga l-verb **tara** fit-tieni persuna plural fil-perfett. (1)
14. Mis-silta sib avverbju taż-żmien. (1)

**(Total: 14-il marka)**

**IR-RABA' TAQSIMA:**

**IR-RAPPORT**

**Ikteb madwar 80 kelma fuq WIEĦED mis-suġġetti li ġejjin. Agħti titlu lir-rapport. Jekk se tuża ismijiet ara li jkunu fittizji.**

1. Immaġina li int ġurnalist, u ġejt imqabbad mill-kumpanija tiegħek sabiex tikteb rapport dwar avveniment mużikali li sar f'Malta fuq il-Fosos tal-Furjana.

**JEW**

2. Immaġina li inti ġurnalist ta' stazzjon lokali li żort l-iskola fi żmien ta' pandemija sabiex tara kif inbidlu l-affarijiet. Ikteb rapport biex jisimgħuh is-semmiegħa tal-istazzjon tiegħek.

**(Total: 12-il marka)**

**IL-ĦAMES TAQSIMA:**

**L-ITTRA**

**Ikteb madwar 80 kelma fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti. Uża l-ismijiet u l-indirizzi mogħtija.**

1. Kantanta famuża Maltija se tkun qiegħda tagħmel tnedija tal-album tal-kanzunetti tagħha x-xahar li ġej. Inti ammiratur kbir tagħha, u din hija opportunità tajba biex tkellimha u takkwista dan l-album għall-kollezzjoni tiegħek. Ikteb ittra lil din il-personalità sabiex tgħidilha li int interessat fit-tnedija u li tixtieq tiltaqa' magħha personalment biex tiffirmalek l-album.
   Ismek: Justine/Malcolm Meilak
   L-indirizz tiegħek: 8, Triq l-Imħabba, l-Imqabba, MQB 1010.
   L-indirizz tal-kantanta: 14, Triq il-Mużika, l-Iklin, IKL 1150.

**JEW**

2. Iċ-Ċentru Ċiviku ta' Ħal Farruġ se jorganizza korsijiet tal-lingwi barranin fl-istess ċentru. Dawn se jsiru filgħaxijiet u l-postijiet huma limitati. Ikteb email lill-organizzatur sabiex tirriserva post għal wieħed mill-korsijiet u biex jagħtik aktar informazzjoni dwaru.

   Ismek: Joe/Lina Camilleri
   L-indirizz elettroniku tiegħek: joelin@stud.com
   L-indirizz elettroniku tal-organizzatur: korsijiet@org.com

Lil:
Mingħand:
Data:
Suġġett:

.............................................................................................................................

.............................................................................................................................

.............................................................................................................................

**(Total: 12-il marka)**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2022**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | IIA |
| DATA: | 30 ta' April 2022 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-6:05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA** tal-karta. Ikteb b'Malti tajjeb u idjomatiku.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**L-EWWEL TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-POEŻIJA**

**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Quo Vadis?* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Quo Vadis?*** Rużar Briffa

Weħidha
fuq l-għolja ġeblija,
imbiegħda mill-bqija ta' ħutha
fil-qalb ħadranija
tal-wied,
ix-xwejħa ħarruba,
magħtuba
mit-toqol tas-snin,
qed tħares madwarha
ħa tara
il-għaġla tan-nies għaddejjin.

....U taħseb:
kemm huma mgħaġġlin,
fejn huma sejrin
għal dejjem bla sabar
min-nieqa sal-qabar
dal-ħalja bnedmin?

**Wieġeb:**

1. Ikteb **ŻEWĠ** raġunijiet għaliex Rużar Briffa semma din il-poeżija *Quo Vadis?* (4)

2. Semmi **ŻEWĠ** sensazzjonijiet li jqajjem il-poeta meta jibda l-poeżija bil-kelma "Weħidha". (4)

3. Fisser il-kuntrast li joħloq il-poeta bejn "ix-xwejħa ħarruba" (v. 6) u "... mill-bqija ta' ħutha". (v. 3) Lil min jirrappreżentaw din il-ħarruba u ħutha? (4)

4. Permezz ta' dak li naqraw f'din is-silta tal-poeżija, kif nafu li l-poeta qed jagħmel riflessjoni fuq il-ħajja? Ikkwota biex issaħħaħ dak li ktibt. (4)

5. Ikteb dwar il-vers li jħaddem il-poeta, u fisser ukoll x'inhi r-rabta bejn din il-għamla ta' vers u t-tema tal-poeżija. (4)

**(Total: 20 marka)**

**B. Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Katrin tal-Imdina* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Katrin tal-Imdina*, Dwardu Cachia**

Għaxar xwieni tal-għedewwa
Dehru jsallbu dan-naħiet;
Resqu l-Pwales, nies hemm niżżlu;
Kollox ħemda, kollox skiet.

Iżda l-għases minn tad-Dejma
Li lemħuhom riesqa 'l haw',
Biex igħarrfu 'l tal-Imdina
F'daqqa waħda l-aħbar taw.

Daħna kbira filwaqt saret,
Fis il-qniepen sħiħ daqqew;
Ħin bla waqt ir-rħula qamu
Għall-Imdina mħarrba ġrew.

Il-ħaddara xejn ma basru
Meta semgħu dak l-għajjat;
Ħasbu l'huma nies ferħana
Qed jitħalqu mat-triqat.

Imma dawk kif daħlu ġewwa
Nisa u rġiel bit-tfal f'idejhom,
Għarrfu 'l-ħakem illi l-għadu
Ma jdumx wisq ma jasal ħdejhom.

Malli l-Ħakem sema' dana,
Lil Katrin qal bil-ħlewwa:
"Alla jagħti s-sabar lilek,
Jien se mmur nirbaħ 'l-għedewwa.

Jalla, jalla, rġiel qalbiena
Tqassmu lkoll sabiex nerħulha.
Jalla rġiel! Għaliex it-Torok
Ser iħarbtu d-djar fir-rħula."

**Wieġeb:**

1. X'inhu r-ritmu tal-ewwel tliet strofi ta' din is-silta ta' poeżija, u x'effett joħloq il-poeta b'dan ir-ritmu? (4)
2. Ikteb x'figura tat-taħdit iħaddem il-poeta fil-vers: "Għaxar xwieni tal-għedewwa ", u ikteb għalfejn jagħmel użu minn din il-figura. (4)
3. Islet vokabularju (mhux inqas minn **ERBA'** referenzi) li jindika s-sens ta' paniku li qabad lin-nies. (4)
4. X'sentiment jesprimi l-ħakem meta jkellem lil Katrin fit-tmiem ta' din is-silta, u x'intenzjoni għandu? (4)
5. Ikteb dwar il-metrika li jħaddem il-poeta f'din is-silta tal-poeżija. (4)

**(Total: 20 marka)**

**IT-TIENI TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-PROŻA**

**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din is-silta mill-proża *Il-Koranta* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Il-Koranta***, Oliver Friggieri

Meta qatgħuha li jiżżewġu, il-Koranta kienet qisha twieldet mill-ġdid. Il-biċċa qanqlet lil min jibda jitħasseb, u s-seksieka tat-triq ma damux ma bdew iqasstu fuqha, min jgħid ħaġa u min ipaspar oħra. Dak li kien se jiġri tabilħaqq kien ilu jingħad biss bħala ċajta, impossibiltà ċara, ħlieqa tal-ġirien li jridu jsibu lil xi ħadd biex jitkellmu fuqu, u kien 'il bogħod wisq minn dak li ħasbu li seta' jsir.

"U le, il-Koranta qatt ma tasal tiżżewweġ. Issa kibret ġmielha u l-istramberiji tagħha mhuma se jlaqqgħuha ma' ħadd ..."

"Mhux minnha naqas, għaliex sehemha għamlitu, u mhix xi waħda mitluqa. Tilbes u tindilek daqs kulħadd, u anki iżjed."

Dal-kliem ma kienx jingħad fil-widnejn u jien smajtu darba għand Wistin tal-inbid. Setgħu jitkellmu fuq ħwejjeġ oħra, għaliex fil-ħanut qatt ma kienu jonqsu l-argumenti u l-politika kienet issaħħan l-irjus ftit qabel ma jsaħħanhom wisq aħjar l-inbid. Dil-mara, ma nafx għaliex, kienet saret biċċa mill-folklor tar-raħal.

Dakinhar taż-żwieġ it-triq kollha kienet mixgħula bil-mistennija. Għall-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija karozza sewda, mingħajr ċfuf u tiżjin ieħor, waslet quddiem il-bieb tal-mara, raġel liebes pulit ħabbtilha darba biss u hi dehret minnufih fil-bieb.

"Hawn jien, sinjura, xħin trid, immorru," qalilha.

Kellha s-snin tagħha, iżda għarusa bħalha hi ta' min iħares lejha wkoll. Is-snin ibiddlu, u jkerrhu, imma minn ġewwa l-bniedem jista' jibqa' frisk, nadif bħal važett fjuri li għadhom jinqatgħu. Mhux il-fjuri kollha jidbielu u jinxfu.

**Wieġeb:**

1. Il-ġirien kif kienu jħarsu lejn il-Koranta? Islet **ŻEWĠ** frażijiet mill-ewwel paragrafu biex issaħħaħ dak li ktibt. (4)

2. X'emozzjonijiet iqajjem fil-qarrej il-fatt li n-nies dejjem irreferew għal Anjeżi bil-laqam? (4)

3. Xi jrid jifhem in-narratur permezz tas-sentenza: "kienet saret biċċa mill-folklor tar-raħal," meta jirreferi għall-Koranta? (4)

4. X'inhi l-figura tat-taħdit li nsibu fis-sentenza: "Mhux il-fjuri kollha jidbielu u jinxfu"? Ikteb l-effetti li toħloq din il-figura b'referenza għall-Koranta. (4)

5. Minn dak li naqraw f'din is-silta ta' proża, xi nsiru nafu dwar il-karattru tal-Koranta? (4)

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

**B. Aqra sewwa din is-silta mill-proża *Aqrali xi ħaġa ġdida, qaltilha* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Aqrali xi ħaġa ġdida, qaltilha,*** Clare Azzopardi

Ommha u missierha dejjem xtaquha ssib ġuvni gustuż li jkun jista' jħobbha u jgħinha fix-xogħol tal-pubblikazzjoni, dejjem ħeġġewha biex tieħu lil Ġammarì ta' faċċata għax kien ġuvni skrupluż. Imma dejjem magħluqa f'xi ktieb, b'xagħarha qasir ma' rasha, b'dublett griż u flokk griż jinqafel bil-buttuni griżi skuri fuq quddiem, kien diffiċli għal Ġammarì li jitfa' għajnejh fuqha.

U daqqa rumanz twil, jew inkella rumanzett, xi kultant xi novelli, daqqiet oħra poeżiji. Daqqa bil-Malti, inkella bit-Taljan, xi kultant bl-Ingliż, daqqiet oħra bil-Franċiż. Imbagħad meta kibret sew, uriet lil ommha u lil missierha li kienet kapaċi tmexxi mhux biss il-ħanut, imma anki l-istamperija. U l-imħabba tagħha ma setgħet qatt tmiss lil xi raġel. Maurice ma kienx daqshekk xortih tajba li jkollu boton tfal biex il-ħanut ċkejken tiegħu jikber. Imma kien fortunat biżżejjed biex irabbi tifla li tiflaħ għax-xogħol metikoluż u paċenzjuż li jirrikjedi ktieb mill-bidu sal-aħħar. B'martu u b'bintu dejjem miegħu, seta' jibqa' jmexxi b'ritmu sod.

Ħaġa waħda biss kienet tweġġagħha u tistrumblaha f'din id-dinja tal-kotba. Ma kinux il-ftit flus li kienu jdaħħlu, jew il-ħinijiet twal jikkomponu paġna wara oħra, idellku l-linka, jgħadduhom mill-magna, iħitu l-kotba; ma kienx il-fatt li l-ħwienet tal-kotba kienu qed jiżdiedu u l-produzzjoni Ingliża u Taljana kienet dejjem qed tisbieħ; xejn minn dan. Ħaġa waħda biss kienet iġġegħelha tiftaħ ħalqha ...

"Bgħattha 'l hemm hux?"
"Lil min?"
"Lil Mary."
"Iva."
"Kif lanqas ħajra, pa?"
"Dawn l-affarijiet narahom jien."
"Lanqas ħajra li tara x'kien fih dak il-manuskritt?"
"Mhux affari tiegħek."
"Għadek ma xbajtx tistampa l-istess kotba?"
"Hawn ġew jiġu stampati biss kotba li jinbiegħu."

**Wieġeb:**

1. X'inhu l-kunflitt li jeżisti bejn Maurice u Lina? Ikteb kwotazzjoni **WAĦDA** biex turi d-dispjaċir tal-bint. (4)

2. Mid-deskrizzjoni li naqraw fl-ewwel paragrafu, x'kienet id-dehra tipika ta' Lina, u x'effett kellha din id-dehra fuq missierha u ommha fuq naħa, u Ġammarì fuq in-naħa l-oħra? (4)

3. Ikteb **ERBA'** kwotazzjonijiet biex turi li x-xogħol tal-istampar ma kienx xogħol faċli. (4)

4. Minn dak li naqraw f'din is-silta ta' proża, x'nafu dwar il-karattru ta' Maurice, il-missier? (4)

5. X'inhi l-figura tat-taħdit li nsibu fil-frażi: "boton tfal," fit-tieni paragrafu ta' din is-silta? Għaliex qed tużaha l-awtriċi? (4)

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**IT-TIELET TAQSIMA: IL-KOMPONIMENTI LETTERARJI – *BEJN ĦALTEJN* (BARRA *IL-ĦARSA TA' RUŻANN*)**

**Agħżel ŻEWĠ mistoqsijiet u ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma fuq kull mistoqsija. Tinsiex tirreferi għax-xogħlijiet tal-mistoqsija li tagħżel. Ma tistax tuża u tirreferi għax-xogħlijiet letterarji (poeżiji u novelli) li ngħataw fit-taqsimiet tar-referenza għall-kuntest. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mix-xogħlijiet tal-antoloġija.**

1. L-eżistenza u l-ħajja umana hija tema li jiktbu dwarha diversi awturi. Uri kif tiġi trattata minn diversi poeti fl-antoloġija *Bejn Ħaltejn*. (15)

2. Is-soċjetà tirreaġixxi b'modi differenti lejn il-membri tagħha. Uri kif joħroġ dan fix-xogħlijiet 'Xtara l-Ħut fil-Baħar' ta' Laurence Mizzi u 'Ċensina' ta' Lino Spiteri. (15)

3. Maria Grech Ganado f' 'Jum San Valentin' u Anton Buttigieg f' 'Niftakar' it-tnejn jitkellmu dwar l-imħabba. Uri kif jagħmlu dan bil-mod differenti tagħhom. (15)

**(Total: 30 marka)**

**IR-RABA' TAQSIMA: IL-KOMPONIMENT LETTERARJU – *IL-ĦARSA TA' RUŻANN* TA' FRANCIS EBEJER**

**Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' madwar 400 kelma. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mir-rumanzett.**

1. Iddiskuti kif, tul il-ġrajja tar-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann*, l-intenzjoni ta' Francis Ebejer hija li joħloq mhux biss ugwaljanza bejn il-klassijiet soċjali, imma anki bejn is-sessi.

**JEW**

2. Iddiskuti kif iseħħ l-iżvilupp tal-mara minn bidwija għal professjonista tul il-ġrajja tar-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann.*

**(Total: 30 marka)**

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2022**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | IIB |
| DATA: | 30 ta' April 2022 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-6:05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA** tal-karta. Ikteb b'Malti tajjeb u idjomatiku.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**L-EWWEL TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-POEŻIJA**

**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Quo Vadis?* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Quo Vadis?*** Rużar Briffa

Weħidha
fuq l-għolja ġeblija,
imbiegħda mill-bqija ta' ħutha
fil-qalb ħadranija
tal-wied,
ix-xwejħa ħarruba,
magħtuba
mit-toqol tas-snin,
qed tħares madwarha
ħa tara
il-għaġla tan-nies għaddejjin.

....U taħseb:
kemm huma mgħaġġlin,
fejn huma sejrin
għal dejjem bla sabar
min-nieqa sal-qabar
dal-ħalja bnedmin?

**Wieġeb:**

1. *Quo Vadis?* tfisser "Fejn sejrin?" Għala taħseb li l-poeta ta dan l-isem lill-poeżija? (4)

2. Ikkwota mill-poeżija dik il-kelma li turi s-solitudni tal-ħarruba u għid liema figura tat-taħdit iħaddem il-poeta kull meta jsemmi 'l-ħarruba. (4)

3. Xi jrid ifisser, u x'effett joħloq, il-poeta meta jikteb li s-siġar (nies) l-oħra qegħdin, "fil-qalb ħadranija tal-wied" u 'l bogħod mill-ħarruba? (4)

4. Minn din is-silta tal-poeżija, sib eżempju ta' mistoqsija retorika, u fisser l-effett li joħloq biha l-poeta. (4)

5. Ikteb dwar il-metrika li qiegħed iħaddem il-poeta f'din il-poeżija. (4)

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

**B. Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Katrin tal-Imdina* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Katrin tal-Imdina***, Dwardu Cachia

Għaxar xwieni tal-għedewwa
Dehru jsallbu dan-naħiet;
Resqu l-Pwales, nies hemm niżżlu;
Kollox ħemda, kollox skiet.

Iżda l-għases minn tad-Dejma
Li lemħuhom riesqa 'l haw',
Biex igħarrfu 'l tal-Imdina
F'daqqa waħda l-aħbar taw.

Daħna kbira filwaqt saret,
Fis il-qniepen sħiħ daqqew;
Ħin bla waqt ir-rħula qamu
Għall-Imdina mħarrba ġrew.

Il-ħaddara xejn ma basru
Meta semgħu dak l-għajjat;
Ħasbu l'huma nies ferħana
Qed jitħalqu mat-triqat.

Imma dawk kif daħlu ġewwa
Nisa u rġiel bit-tfal f'idejhom,
Għarrfu 'l-ħakem illi l-għadu
Ma jdumx wisq ma jasal ħdejhom.

Malli l-Ħakem sema' dana,
Lil Katrin qal bil-ħlewwa:
"Alla jagħti s-sabar lilek,
Jien se mmur nirbaħ 'l-għedewwa.

Jalla, jalla, rġiel qalbiena
Tqassmu lkoll sabiex nerħulha.
Jalla rġiel! Għaliex it-Torok
Ser iħarbtu d-djar fir-rħula."

**Wieġeb:**

1. X'jissejjaħ il-ġeneru ta' din il-poeżija? Semmi l-karatteristiċi ewlenin li nsibu f'dan il-ġeneru. (4)
2. Għal liema raġunijiet il-poeta joħloq ritmu mgħaġġel fl-ewwel tliet strofi ta' din is-silta ta' poeżija? (4)
3. X'inhi l-figura tat-taħdit li jħaddem il-poeta fil-vers: "Jalla, jalla, rġiel qalbiena," u x'effett joħloq il-poeta permezz ta' din il-figura? (4)
4. Minn dak li naqraw f'din is-silta, x'nafu dwar il-karattru tal-ħakem? Islet kwotazzjonijiet biex issaħħaħ dak li ktibt. (4)
5. Ikteb dwar il-metrika li jħaddem il-poeta f'din is-silta tal-poeżija. (4)

**(Total: 20 marka)**

**IT-TIENI TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-PROŻA**

**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din is-silta mill-proża *Il-Koranta* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Il-Koranta***, Oliver Friggieri

Meta qatgħuha li jiżżewġu, il-Koranta kienet qisha twieldet mill-ġdid. Il-biċċa qanqlet lil min jibda jitħasseb, u s-seksieka tat-triq ma damux ma bdew iqasstu fuqha, min jgħid ħaġa u min ipaspar oħra. Dak li kien se jiġri tabilħaqq kien ilu jingħad biss bħala ċajta, impossibiltà ċara, ħlieqa tal-ġirien li jridu jsibu lil xi ħadd biex jitkellmu fuqu, u kien 'il bogħod wisq minn dak li ħasbu li seta' jsir.

"U le, il-Koranta qatt ma tasal tiżżewweġ. Issa kibret ġmielha u l-istramberiji tagħha mhuma se jlaqqgħuha ma' ħadd ..."

"Mhux minnha naqas, għaliex sehemha għamlitu, u mhix xi waħda mitluqa. Tilbes u tindilek daqs kulħadd, u anki iżjed."

Dal-kliem ma kienx jingħad fil-widnejn u jien smajtu darba għand Wistin tal-inbid. Setgħu jitkellmu fuq ħwejjeġ oħra, għaliex fil-ħanut qatt ma kienu jonqsu l-argumenti u l-politika kienet issaħħan l-irjus ftit qabel ma jsaħħanhom wisq aħjar l-inbid. Dil-mara, ma nafx għaliex, kienet saret biċċa mill-folklor tar-raħal.

Dakinhar taż-żwieġ it-triq kollha kienet mixgħula bil-mistennija. Għall-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija karozza sewda, mingħajr ċfuf u tiżjin ieħor, waslet quddiem il-bieb tal-mara, raġel liebes pulit ħabbtilha darba biss u hi dehret minnufih fil-bieb.

"Hawn jien, sinjura, xħin trid, immorru," qalilha.

Kellha s-snin tagħha, iżda għarusa bħalha hi ta' min iħares lejha wkoll. Is-snin ibiddlu, u jkerrhu, imma minn ġewwa l-bniedem jista' jibqa' frisk, nadif bħal vażett fjuri li għadhom jinqatgħu. Mhux il-fjuri kollha jidbielu u jinxfu.

**Wieġeb:**

1. X'tip ta' relazzjoni kienet teżisti bejn il-ġirien u l-Koranta? Ikkwota **ŻEWĠ** frażijiet mill-ewwel paragrafu biex issaħħaħ dak li ktibt. (4)

2. X'emozzjonijiet iqajjem fil-qarrej il-fatt li n-nies dejjem irreferew għal Anjeżi bil-laqam? (4)

3. "u l-politika kienet issaħħan l-irjus ftit qabel ma jsaħħanhom wisq aħjar l-inbid." X'turi din il-kwotazzjoni dwar in-nies tar-raħal. Semmi **ŻEWĠ** affarijiet. (4)

4. Meta naqraw is-sentenza: "Dakinhar taż-żwieġ it-triq kollha kienet mixgħula bil-mistennija," xi nsiru nafu dwar l-ambjent tar-raħal li kienet tgħix fih Anjeżi? (4)

5. X'inhi l-figura tat-taħdit li nsibu fis-sentenza "minn ġewwa l-bniedem jista' jibqa' frisk, nadif bħal vażett fjuri li għadhom jinqatgħu?" X'effett toħloq din il-figura? (4)

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

**B. Aqra sewwa din is-silta mill-proża *Aqrali xi ħaġa ġdida, qaltilha* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Aqrali xi ħaġa ġdida, qaltilha,*** Clare Azzopardi

Ommha u missierha dejjem xtaquha ssib ġuvni gustuż li jkun jista' jħobbha u jgħinha fix-xogħol tal-pubblikazzjoni, dejjem ħeġġewha biex tieħu lil Ġammarì ta' faċċata għax kien ġuvni skrupluż. Imma dejjem magħluqa f'xi ktieb, b'xagħarha qasir ma' rasha, b'dublett griż u flokk griż jinqafel bil-buttuni griżi skuri fuq quddiem, kien diffiċli għal Ġammarì li jitfa' għajnejh fuqha.

U daqqa rumanz twil, jew inkella rumanzett, xi kultant xi novelli, daqqiet oħra poeżiji. Daqqa bil-Malti, inkella bit-Taljan, xi kultant bl-Ingliż, daqqiet oħra bil-Franċiż. Imbagħad meta kibret sew, uriet lil ommha u lil missierha li kienet kapaċi tmexxi mhux biss il-ħanut, imma anki l-istamperija. U l-imħabba tagħha ma setgħet qatt tmiss lil xi raġel. Maurice ma kienx daqshekk xortih tajba li jkollu boton tfal biex il-ħanut ċkejken tiegħu jikber. Imma kien fortunat biżżejjed biex irabbi tifla li tiflaħ għax-xogħol metikoluż u paċenzjuż li jirrikjedi ktieb mill-bidu sal-aħħar. B'martu u b'bintu dejjem miegħu, seta' jibqa' jmexxi b'ritmu sod.

Ħaġa waħda biss kienet tweġġagħha u tistrumblaha f'din id-dinja tal-kotba. Ma kinux il-ftit flus li kienu jdaħħlu, jew il-ħinijiet twal jikkomponu paġna wara oħra, idellku l-linka, jgħadduhom mill-magna, iħitu l-kotba; ma kienx il-fatt li l-ħwienet tal-kotba kienu qed jiżdiedu u l-produzzjoni Ingliża u Taljana kienet dejjem qed tisbieħ; xejn minn dan. Ħaġa waħda biss kienet iġġegħelha tiftaħ ħalqha ...

"Bgħattha 'l hemm hux?"

"Lil min?"

"Lil Mary."

"Iva."

"Kif lanqas ħajra, pa?"

"Dawn l-affarijiet narahom jien."

"Lanqas ħajra li tara x'kien fih dak il-manuskritt?"

"Mhux affari tiegħek."

"Għadek ma xbajtx tistampa l-istess kotba?"

"Hawn ġew jiġu stampati biss kotba li jinbiegħu."

**Wieġeb:**

1. Dwar xiex ma kinux jaqblu Maurice u Lina? Ikteb **ŻEWĠ** kwotazzjonijiet biex turi li Maurice ma riedx jibdel fehemtu. (4)
2. Minħabba li Lina ma kinitx tilbes ilbies attraenti, x'effett kellu dan fuq ommha u missierha kif ukoll fuq Ġammarì? (4)
3. X'effett tqajjem fil-qarrej is-sentenza: "U l-imħabba tagħha ma setgħet qatt tmiss lil xi raġel?" (4)
4. X'inhu l-effett li toħloq in-narratriċi meta tgħid "boton tfal" fit-tieni paragrafu ta' din is-silta ta' proża? (4)
5. Minn dak li naqraw f'din is-silta ta' proża, x'nistgħu ngħidu dwar il-karattru ta' Lina, il-bint? (4)

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.***

**IT-TIELET TAQSIMA: IL-KOMPONIMENTI LETTERARJI – *BEJN ĦALTEJN* (BARRA *IL-ĦARSA TA' RUŻANN*)**

**Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma. Tinsiex tirreferi għax-xogħlijiet tal-mistoqsija li tagħżel. Ma tistax tuża u tirreferi għax-xogħlijiet letterarji (poeżiji u novelli) li ngħataw fit-taqsimiet tar-referenza għall-kuntest. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mix-xogħlijiet tal-antoloġija.**

1. Ikkummenta dwar kif inhuma trattati t-tifkiriet sbieħ bejn il-maħbubin minn Anton Buttigieg f' 'Niftakar' u minn Frans Sammut f' 'Bank'.

2. Iddiskuti l-imġiba partikolari ta' **ŻEWĠ** karattri mix-xogħlijiet letterarji li studjajt mill-antoloġija *Bejn Ħaltejn.*

**(Total: 30 marka)**

**IR-RABA' TAQSIMA: IL-KOMPONIMENT LETTERARJU – *IL-ĦARSA TA' RUŻANN* TA' FRANCIS EBEJER**

**Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mir-rumanzett.**

1. Iddiskuti kif fir-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann* l-intenzjoni ta' Francis Ebejer hija li joħloq ugwaljanza bejn il-klassijiet soċjali.

**JEW**

2. Iddiskuti d-differenzi li tinnota bejn Rużann u Ġina fil-bidu u fit-tmiem tar-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann* ta' Francis Ebejer, u kif dan jirrifletti fuq l-iżvilupp tal-mara tul is-snin.

**(Total: 30 marka)**